SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

24 ta' Frar 2022 *

"Appell – Dumping – Importazzjoni ta' prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja, mis-Serbja u mill-Ukraina – Għeluq tal-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet li joriġinaw mis-Serbja – Determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu – Evalwazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet provenjenti minn iktar minn pajjiż terz – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 3(4) – Għeluq tal-proċedura mingħajr impożizzjoni ta' miżuri – Artikolu 9(2) – Natura 'negliġibbli' tal-importazzjonijiet – Limitu *de minimis* – Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-226/20 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fid-29 ta' Mejju 2020,

Eurofer, Association européenne de l'acier, AISBL, stabbilita fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn J. Killick u G. Forwood, avocats,

rikorrenti,

il-partijiet l-oħra fil-proċedura li huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata inizjalment minn T. Maxian Rusche u A. Demeneix, sussegwentement minn T. Maxian Rusche u G. Luengo, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade, stabbilita f'Belgrad (is-Serbja), irrappreżentata minn R. Luff, avocat,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatriċi), Presidenta tat-Tielet Awla, li qiegħda taġixxi bħala President tar-Raba' Awla, S. Rodin u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Eurofer, Association européenne de l'acier, AISBL (iktar 'il quddiem "Eurofer"), titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2020, Eurofer vs Il-Kummissjoni (T-835/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2020:96), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiża għall-annullament parzjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja (ĠU 2017, L 258, p. 24, rettifika fil-ĠU 2017, L 319, p. 81, iktar 'il quddiem ir-"Regolament kontenzjuż").

Il-kuntest ġuridiku

2 Fid-data tal-fatti li wasslu għall-kawża, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni Ewropea kienu jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, fil-ĠU 2011, L 293, p. 39 u fil-ĠU 2016, L 44, p. 20), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 (ĠU 2014, L 18, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1225/2009").

3 Fid-data tal-adozzjoni tar-regolament kontenzjuż, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-adozzjoni ta' miżuri antidumping mill-Unjoni kienu jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21). Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 25 tiegħu, dan ir-regolament daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2016. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tiegħu, huwa ħassar ir-Regolament Nru 1225/2009.

4 Sa fejn, minn naħa, id-dispożizzjonijiet sostantivi rilevanti tar-Regolamenti Nru 1225/2009 u 2016/1036 għall-finijiet ta' din il-kawża jikkoinċidu u sa fejn, min-naħa l-oħra, is-sentenza appellata u dan l-appell jirreferu biss għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-aħħar regolament, għandhom jiġu eżaminati l-aggravji ta' dan l-appell fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/1036, bla ħsara għall-applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolamenti Nru 1225/2009 u 2016/1036 għal dan il-każ.

5 Il-premessa 16 tar-Regolament 2016/1036, li rriproduċiet, essenzjalment, il-kontenut tal-premessa 15 tar-Regolament Nru 1225/2009, tgħid li:

"L-investigazzjonijiet jew proċedimenti għandhom jiġu terminati fejn id-dumping ikun *de minimis* jew id-dannu jkun negliġibbli, u huwa xieraq li dawk is-sitwazzjonijiet jiġu ddefiniti. Fejn ikollhom jiġu imposti miżuri, huwa meħtieġ li jsir provvediment għat-terminazzjoni tal-investigazzjonijiet u li jiġi speċifikat li l-miżuri għandhom ikunu inqas mill-marġini ta' dumping jekk tali ammont inqas jelimina d-dannu, u wkoll li jiġi speċifikat il-metodu ta' kalkolu tal-livell tal-miżuri fil-każ ta' teħid ta' kampjuni.

6 L-Artikolu 3 tar-Regolament 2016/1036, intitolat "Determinazzjoni tad-dannu", li essenzjalment irriproduċa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1225/2009, jipprevedi, fil-paragrafi 3 u 4 tiegħu, li:

"3. Fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, għandu jittieħed kont ta' jekk kienx hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, kemm jekk f'termini assoluti kif ukoll jekk relattivament għall-produzzjoni jew għall-konsum fl-Unjoni. Fir-rigward tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq prezzijiet, għandu jittieħed kont ta' jekk kienx hemm undercutting sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta mqabbla mal-prezz ta' prodott simili tal-industrija tal-Unjoni, jew jekk l-effett ta' tali importazzjonijiet huwiex mod ieħor biex iwaqqa' l-prezzijiet għal grad sinifikanti jew biex jipprevjeni żidiet fil-prezz, li b'mod ieħor kienu jseħħu, sa grad sinifikanti. L-ebda wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi ma jista neċessarjament jagħti gwida deċiżiva.

4. Fejn l-importazzjonijiet ta' prodott minn iktar minn pajjiż wieħed huma fl-istess ħin soġġetti għal investigazzjonijiet kontra dumping, l-effetti ta' importazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu stmati b'mod kumulattiv biss jekk huwa stabbilit li:

(a) il-marġini ta' dumping stabbilit fejn jidħlu l-importazzjonijiet minn kull pajjiż huwa iktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) u li l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż mhuwiex negleġibbli; u

(b) stima kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet hija xierqa fid-dawl tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn prodotti impurtati u l-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-prodott tal-Unjoni simili."

7 L-Artikolu 5 tar-Regolament 2016/1036, intitolat "Bidu tal-proċedimenti", li essenzjalment irriproduċa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1225/2009, jistabbilixxi, fil-paragrafu 7 tiegħu, li:

"L-evidenza kemm ta' dumping kif ukoll tad-dannu għandha tiġi kkunsidrata fl-istess ħin fid-deċiżjoni jekk għandiex tinbeda investigazzjoni jew le. Ilment għandu jiġi rifjutat fejn ma jkunx hemm biżżejjed evidenza ta' dumping jew ta' dannu biex tiġġustifika l-proċediment tal-każ. Ma għandhomx jinbdew proċedimenti kontra pajjiżi li l-importazzjonijiet tagħhom jirrapreżentaw sehem tas-suq ta' inqas minn 1 %, sakemm tali pajjiżi kollettivament ma jirrappreżentax 3 % jew iktar mill-konsum tal-Unjoni."

8 Skont l-Artikolu 9(1) sa (3) tar-Regolament 2016/1036, li essenzjalment irriproduċa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1225/2009:

"1. Fejn l-ilment jiġi rtirat, il-proċedimenti jistgħu jiġu terminati sakemm tali terminazzjoni ma tkunx kontra l-interess tal-Unjoni.

2. Fejn ma jkunux meħtieġa miżuri protettivi, l-investigazzjoni jew il-proċedimenti għandhom jiġu terminati. Il-Kummissjoni għandha tittermina l-investigazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 15(3).

3. Għal proċedimenti mibdija skont l-Artikolu 5(9), id-dannu għandu normalment jitqies bħala negliġibbli fejn l-importazzjonijiet konċernati jirrappreżentaw inqas mill-volumi stabbiliti fl-Artikolu 5(7). Għall-istess proċedimenti, għandu jkun hemm terminazzjoni immedjata fejn jiġi stabbilit li l-marġini ta' dumping huwa inqas minn 2 %, espress bħala persentaġġ tal-prezz tal-esportazzjoni, għalkemm għandha tkun biss l-investigazzjoni li tiġi terminata fejn il-marġini jkun taħt 2 % għall-esportaturi individwali u huma għandhom jibqgħu soġġetti għall-proċedimenti u jistgħu jiġu investigati mill-ġdid fi kwalunkwe reviżjoni sussegwenti li ssir għall-pajjiż konċernat skont l-Artikolu 11."

9 L-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament 2016/1036, li essenzjalment irriproduċa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament Nru 1225/2009, huwa fformulat kif ġej:

"1. Min jagħmel l-ilment, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, jistgħu jitolbu r-rivelazzjoni tad-dettalji sottostanti l-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti l-miżuri provviżorji. It-talbiet għal tali rivelazzjoni għandhom isiru bil-miktub immedjatament wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, u r-rivelazzjoni għandha ssir bil-miktub kemm jista' jkun malajr possibbli wara.

2. Il-partijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu r-rivelazzjoni finali tal-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, jew it-terminazzjoni ta' investigazzjoni jew proċedimenti mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri, b'attenzjoni partikolari mogħtija lir-rivelazzjoni ta' kwalunkwe fatti jew kunsiderazzjonijiet li jkunu differenti minn dawk użati għal kwalunkwe miżura provviżorja."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

10 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-qosor fil-punti 1 sa 12 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-kawża, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

11 Wara lment imressaq fit-23 ta' Mejju 2016 minn Eurofer, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni antidumping dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, mill-Iran, mir-Russja, mis-Serbja u mill-Ukraina.

12 Fis-7 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppubblikat notifika ta' ftuħ ta' proċedura antidumping dwar dawn l-importazzjonijiet (ĠU 2016, C 246, p. 7), skont ir-Regolament Nru 1225/2009.

13 L-investigazzjoni dwar id-dumping u d-dannu kienet tirrigwarda l-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2015 u t-30 ta' Ġunju 2016 (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu kien jirrigwarda l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni.

14 Fin-notifika ta' ftuħ tal-investigazzjoni, imsemmija fil-punt 12 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni indikat li hija setgħet tieħu kampjun mill-partijiet ikkonċernati konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1225/2009. Fir-rigward tal-prodotturi tal-Unjoni, il-kampjun finali kien kompost minn sitta minnhom, li jinsabu f'ħames Stati Membri, u kien jirrappreżenta iktar minn 45 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, jiġifieri:

– ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg, il-Ġermanja);

– Tata Steel IJmuiden BV (Velsen-Noord, il-Pajjiżi l-Baxxi);

– Tata Steel UK Limited (Port Talbot, South Wales, ir-Renju Unit);

– ArcelorMittal Méditerranée SAS (Fos-sur-Mer, Franza);

– ArcelorMittal Atlantique et Lorraine (Dunkerque, Franza), u

– ArcelorMittal España SA (Gozón, Spanja).

15 Saru żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament 2016/1036 fil-bini tal-prodotturi inkwistjoni.

16 Fl-4 ta' April 2017, il-Kummissjoni informat lill-partijiet ikkonċernati kollha, permezz ta' dokument ta' informazzjoni (iktar 'il quddiem id-"dokument ta' informazzjoni") li hija kienet ser tkompli l-investigazzjoni mingħajr ma timponi miżuri provviżorji fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni koperti mill-investigazzjoni. Dan id-dokument kien jinkludi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li tkompli l-investigazzjoni mingħajr ma timponi miżuri provviżorji. Sussegwentement għall-komunikazzjoni tal-imsemmi dokument, il-persuni kkonċernati ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fuq l-informazzjoni u l-konklużjonijiet żvelati. Instemgħu wkoll il-partijiet ikkonċernati li kienu għamlu t-talba.

17 Fl-4 ta' Mejju 2017, seduta fil-preżenza tal-uffiċjal tas-seduta fil-kuntest tal-proċeduri kummerċjali seħħet ma' Eurofer. Fit-8 ta' Ġunju 2017, seħħet seduta oħra ma' Eurofer.

18 Bejn id-29 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju 2017, ħames żjarat ta' verifika supplimentari seħħew fil-bini tal-partijiet ikkonċernati li ġejjin li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni:

– ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg) (produttur tal-Unjoni);

– Hus Ltd (Plovdiv, il-Bulgarija) (utent, membru ta' konsorzju msejjaħ "Consortium for Imports of Hot-Rolled Flats", konsorzju għall-importazzjonijiet ta' prodotti ċatti b'laminazzjoni termali);

– Technotubi SpA (Alfianello, l-Italja) (utent, membru tal-konsorzju msemmi iktar 'il fuq);

– utent Taljan mhux membru ta' dan il-konsorzju li talab l-anonimat, u

– Eurofer.

19 Wara l-informazzjoni finali tas-17 ta' Lulju 2017 (iktar 'il quddiem l-"informazzjoni finali"), seduta oħra seħħet fil-preżenza tal-uffiċjal tas-seduta fil-kuntest tal-proċeduri kummerċjali fis-27 ta' Lulju 2017 ma' Eurofer.

20 Wara seduta tat-3 ta' Awwissu 2017 ma' produttur-esportatur Iranjan, il-Kummissjoni wettqet kalkolu ġdid tad-dumping u tal-kalkoli l-ġodda bbażati fuqu. Il-partijiet ġew informati b'din ir-reviżjoni permezz ta' dokument ta' informazzjoni finali addizzjonali tal-4 ta' Awwissu 2017.

21 Fil-5 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni adottat r-Regolament kontenzjuż.

22 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi li "[i]l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat li joriġina mis-Serbja huwa tterminat b'dan ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament [2016/1036]".

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

23 Permezz ta' att ippreżentat quddiem ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Diċembru 2017, Eurofer ippreżentat rikors intiż għall-annullament parzjali tar-regolament kontenzjuż.

24 Permezz ta' att ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' April 2018, HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade (iktar 'il quddiem "HBIS Serbia") talbet li tintervjeni fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. Permezz ta' digriet tat-12 ta' Lulju 2018, il-President tat-Tmien Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' dan l-intervent. Ċerta informazzjoni li tinsab fir-rikors fl-ewwel istanza kienet is-suġġett ta' trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' HBIS Serbia.

25 Insostenn tar-rikors tagħha, Eurofer tinvoka tliet motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq żball ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li ma takkumulax l-importazzjonijiet Serbi konformement mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036. It-tieni motiv kien ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq żball ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni qieset li ma kienx "neċessarju" li jiġu previsti miżuri ta' difiża kontra r-Repubblika tas-Serbja, u dan anki fuq bażi mhux kumulattiva. It-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 20(2) ta' dan ir-regolament, ksur tad-dritt għal informazzjoni tar-rikorrenti u tad-drittijiet tad-difiża tagħha kif ukoll fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sa fejn il-Kummissjoni rrifjutat li tikkomunika l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi għall-esportatur Serb.

26 Għal dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tal-imsemmi rikors, il-Qorti Ġenerali wieġbet għall-argumenti tal-Kummissjoni li jikkontestaw din l-ammissibbiltà billi rreferiet għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tas-26 ta' Frar 2002, Il-Kunsill vs Boehringer (C-23/00 P, EU:C:2002:118, punti 51 u 52), li tgħid li l-qorti tal-Unjoni għandha d-dritt tevalwa jekk amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja tiġġustifikax li r-rikors jiġi miċħud fil-mertu, mingħajr ma tiddeċiedi minn qabel dwar l-ammissibbiltà tiegħu, u qieset li, f'dan il-każ, kien iġġustifikat li jiġi eżaminat il-mertu tar-rikors mingħajr ma tingħata deċiżjoni dwar l-imsemmija ammissibbiltà.

27 Fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti ta' Eurofer dwar it-tieni waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036 dwar il-volum ta' importazzjonijiet mhux negliġibbli. Peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni huma kumulattivi, hija ċaħdet l-ewwel motiv ta' annullament fl-intier tiegħu.

28 Għal dak li jirrigwarda t-tieni motiv ta' annullament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li Eurofer ma kinitx uriet li l-Kummissjoni kienet eċċediet il-marġni ta' diskrezzjoni li hija kellha fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036. Hija caħdet l-ilment ibbażat fuq eżami superfiċjali u parzjali tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja u, għaldaqstant, it-tieni motiv kollu kemm hu bħala infondati.

29 Għal dak li jirrigwarda t-tielet motiv ta' annullament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, konformement mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament 2016/1036, Eurofer kienet ġiet informata bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien previst li jiġi rrakkomandat l-għeluq tal-proċedura fir-rigward tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja mingħajr ma jiġu imposti miżuri, li hija kellha l-possibbiltà li tesprimi b'mod effettiv il-pożizzjoni tagħha u li d-drittijiet tad-difiża tagħha għalhekk ġew irrispettati f'dan il-każ. Barra minn hekk, hija ċaħdet l-argument ta' Eurofer, ibbażat fuq l-analoġija mal-ġurisprudenza fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, hija qieset li, kif jirriżulta mill-eżami tat-tieni motiv, il-Kummissjoni kienet eżaminat l-elementi kollha rilevanti tal-każ inkwistjoni u, għaldaqstant, ma kinitx kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Konsegwentement, hija ċaħdet dan it-tielet motiv ta' annullament.

30 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

31 Permezz tal-appell tagħha, Eurofer titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla l-Artikolu 2 tar-Regolament kontenzjuż;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni u lil HBIS Serbia għall-ispejjeż relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell.

32 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u tiddikjara r-rikors fl-ewwel istanza inammissibbli;

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lil Eurofer għall-ispejjeż relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell.

33 HBIS Serbia titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lil Eurofer għall-ispejjeż sostnuti minn HBIS Serbia relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell.

34 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2020, Eurofer vs Il-Kummissjoni (C-226/20 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:669), intlaqgħet it-talba ta' Eurofer intiża sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tirriżerva trattament kunfidenzjali, fir-rigward ta' HBIS Serbia, għall-informazzjoni li tinsab fl-Anness A.4 tal-appell ta' Eurofer, li tikkorrispondi għal dik li diġà bbenefikat minn trattament kunfidenzjali fil-kawża li tat lok għas-sentenza appellata u li tinsab fl-anness tar-rikors fl-ewwel istanza ta' Eurofer.

Fuq l-appell

35 Insostenn tal-appell tagħha, Eurofer tinvoka erba' aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi, sa fejn il-Qorti Ġenerali interpretat l-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036 fis-sens li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tqis li importazzjonijiet li jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' iktar minn 1 % huma "negliġibbli". It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq żball ta' liġi għal dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni li tgħid li "l-volum tal-importazzjonijiet" provenjenti mis-Serbja kien "negliġibbli", għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament. It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq żball ta' liġi għal dak li jirrigwarda l-konklużjoni li tgħid li "ebda miżura protettiva ma hija neċessarja" għall-finijiet tal-Artikolu 9(2) tal-imsemmi regolament. Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tikkomunikalha l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

36 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat l-Artikolu 3(4)(a) u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036 fis-sens li l-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali sabiex tqis li importazzjonijiet li jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' iktar minn 1 % huma "negliġibbli", għall-finijiet tal-Artikolu 3(4)(a) ta' dan ir-regolament. Dan l-aggravju jirrigwarda l-punti 67, 68, 73, 74, u 78 sa 80 tas-sentenza appellata.

37 Fl-ewwel lok, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, li tirriżulta mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2017, Rusal Armenal vs Il-Kunsill (T-512/09 RENV, EU:T:2017:26, punti 101 sa 105), tikkonferma li teżisti "relazzjoni ta' komplementarjetà" bejn l-Artikolu 3(4)(a) u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036. Għaldaqstant, skont l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi applikat il-limitu ta' 1 %, previst fl-Artikolu 5(7) tal-imsemmi regolament, bħala limitu vinkolanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura "negliġibbli" tal-volum tal-importazzjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-istess regolament. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, li għaliha l-Qorti Ġenerali tagħmel riferiment b'mod partikolari fil-punti 73 u 74 tas-sentenza appellata, kif ukoll min-nota ta' spjega tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Settembru 2000, indirizzata lill-Kumitat dwar il-Prattiki Antidumping (Grupp *ad hoc* dwar l-implimentazzjoni) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), kif iċċitata fil-punt 37 tas-sentenza appellata, li tirrappreżenta l-"aħjar interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Kummissjoni".

38 Fit-tieni lok, fil-punti 65 sa 68 u 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tipprovdi ebda motivazzjoni konvinċenti insostenn tal-interpretazzjoni li hija tadotta. L-ewwel, in-nuqqas ta' riferiment espliċitu fl-Artikolu 3(4) għall-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036 ma jfissirx li dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jinqraw flimkien. It-tieni, il-fatt li l-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament japplika fl-istadju tal-ftuħ tal-investigazzjoni filwaqt li l-Artikolu 3(4) tal-imsemmi regolament japplika fl-istadju ta' din l-investigazzjoni stess ma huwiex raġuni suffiċjenti sabiex titwarrab interpretazzjoni koerenti ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet. F'dan ir-rigward, ikun iktar loġiku li l-istess regoli japplikaw għal dawn iż-żewġ stadji tal-proċedura, kif inhu l-każ għal dispożizzjonijiet oħra tal-istess regolament. It-tielet, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni hija irrilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż partikolari humiex ogħla mil-limitu ta' 1 %, peress li din il-kwistjoni teħtieġ tweġiba ta' natura binarja. Ir-raba', l-eżempji, relatati ma' importazzjonijiet ogħla minn sehem mis-suq ta' 1 %, li fuqhom ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fil-punt 79 tas-sentenza appellata ma humiex rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036.

39 Fit-tielet lok, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tmur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, sa fejn din l-interpretazzjoni toħloq ukoll inċertezza fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-limitu ta' 3 %, previst fl-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament, japplikax b'mod analogu għall-istadji tal-ftuħ tal-investigazzjoni u tal-investigazzjoni stess. Bl-istess mod, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Artikolu 5(7) tal-imsemmi regolament jista' jagħti gwida għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4) tal-istess regolament, mingħajr madankollu ma jitqies li jiffissa limitu vinkolanti, tirriskja li twassal għal inċertezza legali u tikkostitwixxi element ta' pressjoni politika fil-kawżi dwar id-dumping. Skont tali interpretazzjoni, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa li hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju superfiċjali.

40 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju huwa ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, infondat.

41 HBIS Serbia ssostni li l-imsemmi aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

42 Qabelxejn, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni, ibbażat fuq in-natura ineffettiva ta' dan l-aggravju. Fil-fatt, għalkemm dan l-aggravju jirrigwarda, b'mod partikolari, il-punti 67, 68, 73, 74 u 78 sa 80 tas-sentenza appellata, mill-argument li Eurofer tiżviluppa insostenn tal-imsemmi aggravju jirriżulta b'mod ċar li dan huwa intiż fir-realtà sabiex jikkontesta l-motivi kollha ta' dik is-sentenza, li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel motiv għal annullament, sa fejn dan jirrigwarda l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036, dwar in-natura negliġibbli tal-volum tal-importazzjonijiet.

43 Fuq il-mertu, Eurofer issostni, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 3(4) u tal-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet ma jagħtu lill-Kummissjoni ebda setgħa diskrezzjonali sabiex tqis li l-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja, peress li jirrappreżentaw volum ogħla minn 1 %, huma "negliġibbli", għall-finijiet tal-Artikolu 3(4)(a) tal-imsemmi regolament.

44 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036, meta l-importazzjonijiet ta' prodott provenjenti minn iktar minn pajjiż wieħed huma fl-istess ħin suġġetti għal investigazzjonijiet antidumping, l-effetti ta' dawn l-importazzjonijiet jistgħu jkunu biss is-suġġett ta' evalwazzjoni kumulattiva, minn naħa, jekk il-marġni ta' dumping stabbilit

fir-rigward mal-importazzjonijiet provenjenti minn kull pajjiż huwa ogħla mil-livell *de minimis* fis-sens tal-Artikolu 9(3) ta' dan ir-regolament, u l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti minn kull pajjiż ma huwiex negliġibbli, u, min-naħa l-oħra, jekk evalwazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u prodott simili tal-Unjoni.

45 Kif osservat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 51 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament jipprevedi essenzjalment tliet kundizzjonijiet sabiex evalwazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet provenjenti minn iktar minn pajjiż wieħed li fl-istess ħin ikunu s-suġġett ta' investigazzjonijiet antidumping tkun permessa u huwa biżżejjed li waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta sabiex tali evalwazzjoni tkun eskluża.

46 F'dan il-każ, hija biss it-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, jiġifieri dik dwar il-volum tal-importazzjonijiet mhux negliġibbli, li hija inkwistjoni f'din il-kawża.

47 Fl-ewwel lok, mill-kliem stess tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036 jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda riferiment, fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, għall-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament, u lanqas għal xi dispożizzjoni oħra tal-imsemmi regolament.

48 Kif osservat ġustament il-Qorti Ġenerali, fil-punt 63 tas-sentenza appellata, b'differenza mill-ewwel parti tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036 li tiddefinixxi l-ewwel kundizzjoni, dwar il-marġni ta' dumping, b'mod preċiż, b'riferiment għal-livell *de minimis* imsemmi fl-Artikolu 9(3) ta' dan ir-regolament, it-tieni parti tal-Artikolu 3(4)(a) tal-imsemmi regolament ma tagħmel ebda riferiment u teżiġi biss li l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti minn kull pajjiż ma jkunx "negliġibbli", mingħajr ma tiddefinixxi b'mod preċiż dan it-terminu.

49 Minn dan jirriżulta li, fl-assenza ta' riferiment espress għal-limitu ta' 1 %, previst fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma talabx li n-natura negliġibbli tal-importazzjonijiet, għall-finijiet tat-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 3(4)(a) ta' dan ir-regolament, tiġi evalwata, b'mod imperattiv, fid-dawl ta' dan il-limitu.

50 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036 għandhom għanijiet differenti fil-kuntest tal-proċedura prevista minn dan ir-regolament.

51 Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, f'dan ir-rigward, ġustament, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 5(7) tal-imsemmi regolament jirrigwarda stadju tal-investigazzjoni differenti minn dak irregolat mill-Artikolu 3(4) tal-istess regolament.

52 Fil-fatt, skont l-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036, meta l-limitu ta' 1 % previst f'din id-dispożizzjoni ma jintlaħaqx, ma tinfetaħ ebda proċedura antidumping. Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni tirrigwarda fażi qabel il-ftuħ tal-investigazzjoni.

53 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 3(4) ta' dan ir-regolament jikkonċerna l-importazzjonijiet li diġà jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni, mibdija mill-Kummissjoni wara l-ftuħ tal-proċedura, skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament.

54 F'dan il-kuntest, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li l-limitu ta' 1 % previst fl-Artikolu 5(7) tal-istess regolament jista' jittieħed inkunsiderazzjoni bħala limitu indikattiv sabiex tiġi eżaminata l-assenza ta' natura "negliġibbli" tal-volum tal-importazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036, dan il-limitu ma jistax madankollu jikkostitwixxi limitu imperattiv, li l-qbiż tiegħu jirrikjedi li jitqies li l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż terz partikolari "ma huwiex negliġibbli", fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

55 Fit-tielet lok, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036 adottata mill-Qorti Ġenerali hija konformi mas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxuta lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-miżuri ta' difiża kummerċjali. Tali setgħa tirriżulta mill-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li dawn l-istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Trace Sport, C-251/18, EU:C:2019:766, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tirrigwarda b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura antidumping (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Caviro Distillerie *et* vs Il-Kummissjoni, C-345/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:589, punt 15 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

56 F'dan il-każ, kif osserva l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tiegħu, għalkemm il-limitu ta' 1 % previst fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036 jista' jikkostitwixxi indikazzjoni li l-qorti tal-Unjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni sabiex teżerċita l-istħarriġ tal-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Artikolu 3(4)(a) ta' dan ir-regolament, dan il-limitu ma jistax jikkostitwixxi livell imperattiv li lil hinn minnu l-Kummissjoni tkun fl-impossibbiltà li tikkonkludi, fiċ-ċirkustanzi kollha, li l-importazzjonijiet li huma s-suġġett tal-investigazzjoni huma negliġibbli.

57 Tali interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036 twassal, fil-fatt, sabiex din l-istituzzjoni tiġi mċaħħda mis-setgħa diskrezzjonali li tagħtiha din id-dispożizzjoni sabiex tevalwa n-natura negliġibbli tal-importazzjonijiet, għall-finijiet ta' evalwazzjoni kumulattiva tal-importazzjonijiet ta' prodott provenjenti minn diversi pajjiżi li fl-istess ħin ikunu s-suġġett ta' investigazzjonijiet antidumping.

58 Għaldaqstant, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li l-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament jista' jservi ta' gwida rigward fir-rigward tal-volum negliġibbli tal-importazzjonijiet, mingħajr madankollu ma jista' jiġi dedott li, fil-kuntest tal-Artikolu 3(4) tal-imsemmi regolament, l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-pajjiż inkwistjoni, li jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' iktar minn 1 %, ma jistgħux jitqiesu bħala negliġibbli.

59 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti mressqa minn Eurofer insostenn ta' dan l-aggravju.

60 Qabelxejn, għal dak li jirrigwarda l-argument li jgħid li l-interpretazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036 tikser, essenzjalment, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali prassi deċiżjonali ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Frar 2021, RFA International vs Il-Kummissjoni, C-56/19 P, EU:C:2021:102, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-konformità ta' din l-interpretazzjoni man-nota ta' spjega msemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 77 tas-sentenza appellata, li ma huwiex speċifikament ikkontestat fil-kuntest ta' dan l-appell, li din in-nota ma tistax tiġi kklassifikata bħala "linji gwida" li minnhom tirriżulta awtolimitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tagħha.

62 Fl-aħħar nett, l-argumenti bbażati fuq il-fatt li l-imsemmija interpretazzjoni tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali għandhom jiġu miċħuda wkoll.

63 Fil-fatt, minn naħa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 50 sa 54 ta' din is-sentenza, l-argument ta' Eurofer li jgħid li l-istess interpretazzjoni twassal għal inċertezzi fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-limiti previsti fl-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036 ma jistax jintlaqa'. Min-naħa l-oħra, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(4)(a) ta' dan ir-regolament, fis-sens difiż minn Eurofer, twassal sabiex din id-dispożizzjoni tiġi mċaħħda mill-effett utli tagħha, sa fejn, skont l-Artikolu 5(7) tal-imsemmi regolament, proċedura ma hijiex, bħala prinċipju, miftuħa fir-rigward ta' pajjiżi li l-importazzjonijiet tagħhom jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' inqas minn 1 %.

64 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

65 Fit-tieni aggravju tagħha, Eurofer issostni li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja huwa "negliġibbli" fis-sens tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036, hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Dan l-aggravju jirrigwarda l-punti 81 sa 85 tas-sentenza appellata u huwa maqsum fi tliet partijiet.

66 Permezz tal-ewwel parti tal-imsemmi aggravju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punti 81 sa 83 tas-sentenza appellata, billi inkludiet elementi tal-prezz fl-evalwazzjoni tan-natura "negliġibbli" tal-volum tal-importazzjonijiet, filwaqt li għandha ssir biss evalwazzjoni kwantitattiva tal-volumi.

67 It-tliet elementi neċessarji għall-evalwazzjoni kumulattiva skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036 kienu tfakkru, ġustament, fil-punti 50 u 51 ta' dik is-sentenza. It-tieni wieħed minn dawn l-elementi jikkonċerna l-volum tal-importazzjonijiet, li n-natura "negliġibbli" tagħhom għandha tkun ibbażata fuq is-sehem mis-suq u mhux fuq il-prezz ta' dawn l-importazzjonijiet. Dan tal-aħħar huwa s-suġġett tat-tielet wieħed mill-imsemmija elementi u dan ir-regolament jagħmel distinzjoni ċara bejn dawn iż-żewġ aspetti. Issa, il-Qorti Ġenerali ħawdet iż-żewġ kunċetti distinti u, konsegwentement, ibbażat ir-raġunament tagħha għal dak li jikkonċerna n-natura negliġibbli tal-volum tal-importazzjonijiet fuq kunsiderazzjoni mhux rilevanti.

68 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, imqajma b'mod sussidjarju, Eurofer issostni li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali ma applikatx b'mod korrett il-kriterji, li hija tistabbilixxi fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li jippermettu li tiġi evalwata din in-natura negliġibbli. B'hekk, billi injorat, fl-analiżi tagħha, it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi, il-Kummissjoni

ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi rilevanti kollha, kif jeżiġi l-Artikolu 3(3) tar-Regolament 2016/1036. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punt 83 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi meta kkonfermat l-approċċ tal-Kummissjoni.

69 Permezz tat-tielet parti tal-istess aggravju, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet ukoll, fil-punti 83 u 85 tas-sentenza appellata, żball manifest ta' evalwazzjoni u żnaturat il-provi meta kkonstatat li l-prezzijiet medji assoċjati mal-volum li jikkorrispondi għal sehem mis-suq ftit sinjifikattiv isostnu l-konstatazzjoni tan-natura negliġibbli tal-volum tal-importazzjonijiet inkwistjoni. Eurofer tirrikonoxxi li l-prezz medju tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja kien ogħla minn dak tal-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiżi oħra. Madankollu, il-provi inklużi fil-proċess jindikaw b'mod ċar li l-prezz medju tal-uniku produttur Serb huwa prattikament identiku għal dak applikat minn tnejn mill-esportaturi l-oħra li fir-rigward tagħhom ġew stabbiliti dazji antidumping mill-Kummissjoni.

70 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju huwa ineffettiv u li, fi kwalunkwe każ, kull waħda mit-tliet partijiet tiegħu hija infondata. Fil-fehma tal-Kummissjoni, it-tielet parti hija, barra minn hekk, parzjalment inammissibbli.

71 HBIS Serbia ssostni li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

72 Għandu jiġi kkonstatat li, kif issostni l-Kummissjoni, dan il-motiv huwa ineffettiv.

73 Fil-fatt, dan l-aggravju huwa intiż, b'mod partikolari, sabiex jikkontesta l-punti 81 sa 84 tas-sentenza appellata.

74 Fil-punt 81 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni qieset ġustament, fil-premessa 248 tar-Regolament kontenzjuż, li l-fatt li l-prezzijiet ta' bejgħ medji fis-Serbja matul il-perijodu ta' investigazzjoni kienu kunsiderevolment ogħla minn dawk tal-erba' pajjiżi l-oħra kkonċernati jikkonferma l-idea li volum ta' importazzjonijiet daqstant baxx ma jistax jippreġudika l-industrija tal-Unjoni.

75 Ċertament, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kwistjoni tan-natura negliġibbli tal-volum tal-importazzjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament 2016/1036, ma hijiex limitata għall-eżami tal-kwantità biss ta' dan il-volum iżda testendi għal dik tal-kwalità tiegħu, jiġifieri għall-elementi indikattivi l-oħra tal-effetti li l-imsemmi volum jista' jipproduċi, bħall-prezzijiet assoċjati ma' dawn l-importazzjonijiet.

76 Madankollu, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 69 tas-sentenza appellata, fil-premessa 232 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kummissjoni essenzjalment ikkonstatat li l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja ġie meqjus negliġibbli, abbażi tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036, sa fejn, minn naħa, dan il-volum kien qrib ħafna tal-limitu ta' 1 % previst fl-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament, li taħtu l-Kummissjoni ma fetħet ebda investigazzjoni, u, min-naħa l-oħra, l-imsemmi volum kien kunsiderevolment iktar baxx minn dak tal-importazzjonijiet provenjenti minn kull wieħed mill-erba' pajjiżi l-oħra kkonċernati.

77 Għaldaqstant, anki jekk jitqies li, kif issostni Eurofer, ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fil-punti 81 sa 84 tas-sentenza appellata, dwar l-analiżi tal-prezzijiet assoċjati mal-importazzjonijiet inkwistjoni, huwa vvizzjat bi żball wieħed jew iktar ta' liġi, tali żbalji ma għandhom l-ebda effett

fuq il-konstatazzjoni magħmula fil-punti 70 u 80 ta' dik is-sentenza li tgħid li kien mingħajr ma twettaq żball manifest ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni setgħet tqis, f'dan il-każ, li l-volum tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja baqa' negliġibbli, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament 2016/1036.

78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni aggravju, meħud fit-tliet partijiet tiegħu, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

79 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Eurofer issostni li, fil-punti 109, 114, 120 u 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet diversi żbalji ta' liġi billi vvalidat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li, f'dan il-każ, "ebda miżura protettiva ma hija neċessarja", għall-finijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet.

80 Permezz tal-ewwel parti, Eurofer issostni li, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li analiżi ddettaljata, b'mod partikolari, tal-eżistenza ta' dumping, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament 2016/1036, u tal-eżistenza ta' dannu, skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, ma hijiex dejjem meħtieġa u li l-għeluq ta' investigazzjoni jew ta' proċedura jista' jiġi impost, b'mod partikolari, biss abbażi tal-marġni ta' dumping jew tal-volum tal-importazzjonijiet.

81 Eurofer issostni li, għalkemm l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036 ma jispeċifikax iċ-ċirkustanzi li fihom "ebda miżura protettiva ma hija neċessarja", il-premessa 16 ta' dan ir-regolament tinkludi indikazzjonijiet ċari, sa fejn tindika li l-proċeduri għandhom jingħalqu "fejn id-dumping ikun *de minimis* jew id-dannu jkun negliġibbli". F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, li evalwazzjoni tad-dannu materjali potenzjali ma hijiex meħtieġa.

82 L-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2016/1036 huwa irrilevanti f'dan ir-rigward, sa fejn jipprevedi żewġ "livelli xierqa ta' protezzjoni" li taħthom iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 16 ta' dan ir-regolament huma, bħala prinċipju, issodisfatti. Issa, f'dan il-każ, l-importazzjonijiet Serbi ma josservawx dawn il-limiti. Konsegwentement, l-unika bażi li minnha l-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li ma kienx utli li tadotta miżuri ta' difiża kienet il-konstatazzjoni tan-natura negliġibbli tad-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet Serbi, li kienet teżiġi li l-Kummissjoni tivverifika jekk dawn l-importazzjonijiet setgħux jikkontribwixxu sabiex jikkawżaw dannu materjali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi ta' evalwazzjoni previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2016/1036.

83 Permezz tat-tieni parti, Eurofer issostni li, fil-punti 115 sa 121 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx marret lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni li hija kellha fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036. Skont Eurofer, la l-volum tal-importazzjonijiet Serbi u lanqas il-prezzijiet ta' bejgħ medji ma setgħu, fl-assenza ta' elementi oħra, jiġġustifikaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

84 Għalhekk, għal dak li jirrigwarda l-volum tal-importazzjonijiet Serbi li jaqbżu l-limitu ta' 1 % previst fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2016/1036, moqri fid-dawl tal-Artikolu 5(7) ta' dan ir-regolament, ma jistax jiġi preżunt li dan il-volum ma jikkawża l-ebda dannu. Għal dak li jirrigwarda l-użu tal-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss dawn il-prezzijiet, iżda wkoll il-prezzijiet applikati mill-esportaturi tal-pajjiżi l-oħra kkonċernati kif ukoll il-livelli ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni informazzjoni rilevanti jikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-marġni ta' dumping għoli tal-importazzjonijiet Serbi, meta din l-informazzjoni kienet manifestament rilevanti sabiex jiġu ddeterminati l-effetti dannużi ta' dawn l-importazzjonijiet, kif jirriżulta mill-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament.

85 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju huwa parzjalment inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondat.

86 HBIS Serbia ssostni li l-imsemmi aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

87 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, Eurofer issostni, essenzjalment, li, fil-punt 114 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat li analiżi ddettaljata tal-eżistenza ta' dannu ma hijiex dejjem meħtieġa u li l-għeluq ta' investigazzjoni jew ta' proċedura jista' jiġi impost, b'mod partikolari, fuq il-bażi biss tal-marġni ta' dumping jew tal-volum tal-importazzjonijiet.

88 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036, meta ebda miżura ta' difiża ma tkun neċessarja, l-investigazzjoni jew il-proċedura tingħalaq. Mill-premessa 16 ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-investigazzjonijiet jew il-proċeduri għandhom jingħalqu fejn id-dumping ikun *de minimis* jew id-dannu jkun negliġibbli.

89 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 9(3) tar-Regolament 2016/1036 jipprevedi b'mod partikolari li, għall-proċeduri mibdija skont l-Artikolu 5(9) ta' dan ir-regolament, id-dannu huwa normalment meqjus bħala negliġibbli meta l-importazzjonijiet ikkonċernati jirrappreżentaw inqas mill-volum speċifikat fl-Artikolu 5(7) tal-imsemmi regolament, jiġifieri sehem mis-suq ta' inqas minn 1 %.

90 Issa, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 9(3) tal-istess regolament ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-Kummissjoni milli tqis li d-dannu kkawżat minn importazzjonijiet huwa negliġibbli meta, bħal f'dan il-każ, il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet jaqbeż bi ftit ħafna dan il-limitu.

91 Fil-fatt, mill-użu tal-avverbju "normalment" jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried iħalli lill-Kummissjoni ċertu marġni ta' diskrezzjoni fl-evalwazzjoni tan-natura negliġibbli tad-dannu potenzjali li jista' jiġi kkawżat minn importazzjonijiet.

92 Tali interpretazzjoni hija konformi mas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam ta' miżuri ta' difiża kummerċjali, li testendi, kif tfakkar fil-punt 55 ta' din is-sentenza, għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni fil-kuntest ta' proċedura antidumping.

93 Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha raġun tqis li ebda miżura ta' difiża ma tkun neċessarja, fis-sens tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036, meta hija tikkonstata li l-importazzjonijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni jaqbżu l-limitu ta' 1 % li taħtu d-dannu kkawżat minn dawn l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż terz huwa normalment meqjus negliġibbli, meta dawn l-importazzjonijiet jibqgħu qrib ħafna dan il-limitu u meta din l-istituzzjoni jkollha elementi oħra li jippermettu li tiġi kkorroborata n-natura negliġibbli tal-imsemmija importazzjonijiet.

94 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni tippermettilha tagħlaq l-investigazzjoni abbażi biss tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036, mingħajr ma jkollha tiddetermina jekk l-istess importazzjonijiet jistgħux jikkawżaw dannu materjali fid-dawl tal-elementi previsti, b'mod partikolari, fl-Artikolu 3(2) u (3) ta' dan ir-regolament.

95 Fid-dawl ta' dak li ntqal, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

96 Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, Eurofer issostni essenzjalment li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni, fil-punti 115 sa 121 tas-sentenza appellata, meta vvalidat il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li, f'dan il-każ, ebda miżura ta' difiża ma kienet neċessarja.

97 Qabelxejn, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li din il-parti hija inammissibbli peress li tikkonċerna biss l-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Qorti Ġenerali mingħajr ma ġie identifikat ebda żball ta' liġi. Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 105 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-punti 115 sa 121 tas-sentenza appellata, li l-imsemmija parti tirrigwarda, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet kunsiderazzjonijiet ta' dritt u l-argumenti invokati minn Eurofer huma indirizzati kontrihom.

98 Qabelxejn, fir-rigward tal-argument ta' Eurofer li jgħid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx marret lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni li hija kellha fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036, għandu jiġi osservat li, għall-istess raġunijiet bħal dawk li jinsabu fil-punti 91 sa 94 ta' din is-sentenza, dan l-argument għandu jitqies bħala infondat.

99 Sussegwentement, għal dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq il-fatt li, fl-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-marġni ta' dumping allegatament għoli tal-importazzjonijiet Serbi, il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' neċessità li jiġu adottati miżuri ta' difiża hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni, għandu jiġi osservat li, kif ġustament iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 110 u 111 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036 iħalli ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni, mingħajr ma jippreċiża ċ-ċirkustanzi li fihom din tista' tikkonkludi li ebda miżura difensiva ma tkun neċessarja.

100 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-marġni ta' dumping ma jidhirx li huwa fattur rilevanti li l-Kummissjoni kellha neċessarjament tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm bżonn li jiġu adottati miżuri ta' difiża.

101 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li, insostenn tal-argument tagħha, Eurofer sempliċement issostni li, fid-dawl tal-marġni ta' dumping inkwistjoni, huwa "ftit probabbli" li l-effett tal-importazzjonijiet inkwistjoni huwa negliġibbli, b'tali mod li hija ma tipproduċi ebda element konkret u preċiż li jippermetti li jiġi konkluż li l-Qorti Ġenerali kellha tqis li r-raġunament tal-Kummissjoni kien ivvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

102 Fl-aħħar nett, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 109 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandu jiġi miċħud l-argument, ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi tal-prodotti Serbi, sa fejn dan l-argument jeżiġi, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż fil-punt 94 ta' din is-sentenza, li l-Kummissjoni twettaq verifika ddettaljata tal-eżistenza ta' dannu qabel ma tkun tista' tagħlaq l-investigazzjoni skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2016/1036.

103 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tat-tielet aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata u, konsegwentement, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

104 Fir-raba' aggravju tagħha, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tikkomunikalha l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi għall-esportatur Serb. Dan l-aggravju jirrigwarda l-punti 135 sa 137, 141 sa 146 kif ukoll 148 tas-sentenza appellata, u huwa maqsum fi tliet partijiet.

105 Permezz tal-ewwel parti ta' dan l-aggravju, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-drittijiet tad-difiża tagħha ma kinux ġew miksura.

106 Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża ma huwiex limitat għall-għarfien tal-informazzjoni li fuqha l-Kummissjoni tibbaża l-argument tagħha, skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament 2016/1036, iżda jestendi għall-aċċess għal elementi oħra rilevanti tal-fajl tal-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi kienet tikkostitwixxi informazzjoni fundamentali li kienet tippermetti li jintwera l-effett tal-importazzjonijiet inkwistjoni u kienet neċessarja sabiex tippermetti lil Eurofer tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar il-kwistjoni dwar jekk dawn l-importazzjonijiet Serbi kinux ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni u jekk il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-natura negliġibbli ta' dan l-effett kinitx korretta.

107 Fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 142 tas-sentenza appellata, li, f'investigazzjoni antidumping, hija ma tistax tinvoka, fil-kwalità tagħha ta' rappreżentanta tal-industrija tal-Unjoni, rekwiżiti li jirriżultaw mid-drittijiet tad-difiża. Din il-konklużjoni ma hija bbażata fuq ebda bażi legali u ma għandha l-ebda bażi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

108 Permezz tat-tielet parti tal-istess aggravju, Eurofer issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punt 146 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kinitx kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-każ li t-tieni jew it-tielet aggravju kellhom jintlaqgħu, l-argumenti ta' Eurofer dwar il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jkollhom jintlaqgħu wkoll. Barra minn hekk, Eurofer tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 148 tas-sentenza appellata, meta ma ordnatx lill-Kummissjoni tipproduċi l-provi dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi.

109 Il-Kummissjoni u HBIS Serbia jsostnu li r-raba' aggravju huwa parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

110 Skont l-Artikolu 20(2) tar-Regolament 2016/1036, il-partijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, fosthom assoċjazzjoni rappreżentattiva, bħall-Eurofer, jistgħu jitolbu informazzjoni finali dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-għeluq ta' investigazzjoni jew ta' proċedura mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

111 Għandu jiġi kkonstatat li t-tliet partijiet ta' dan l-aggravju huma bbażati fuq il-premessa li tgħid li l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi kienu jikkostitwixxu informazzjoni li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(4)(a) u tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament 2016/1036.

112 Issa, kif jirriżulta mill-eżami tat-tieni aggravju, il-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tiddeċiedi li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet b'mod korrett li tagħlaq l-proċedura li tirrigwarda l-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja abbażi biss tal-volum tal-importazzjonijiet u tal-informazzjoni dwar il-prezzijiet medji tal-bejgħ, mingħajr ma tanalizza l-informazzjoni dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi.

113 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 137 tas-sentenza appellata, li, konformement mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament 2016/1036, Eurofer ġiet informata bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien previst li jiġi rrakkomandat l-għeluq tal-proċedura fir-rigward tal-importazzjonijiet provenjenti mis-Serbja mingħajr ma jiġu imposti miżuri, li hija kellha l-possibbiltà li tesprimi b'mod effettiv il-pożizzjoni tagħha u li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew irrispettati f'dan il-każ.

114 Għall-istess raġunijiet, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 146 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet eżaminat l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni u li, għaldaqstant, hija ma kinitx kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Bl-istess mod, Eurofer ma tistax tislet argument mill-fatt li, fil-punt 148 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tagħha għall-produzzjoni tal-informazzjoni dwar il-marġnijiet ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi għar-Repubblika tas-Serbja.

115 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk, fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-proċeduri ta' investigazzjoni antidumping, għandhiex issir distinzjoni bejn Eurofer u l-impriżi li jirriskjaw li tiġi imposta fuqhom sanzjoni jew dazju antidumping, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

116 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, peress li ebda wieħed mill-aggravji ta' dan l-appell ma ntlaqa', hemm lok li dan jiġi miċħud kollu kemm hu, mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq l-inammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza.

Fuq l-ispejjeż

117 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, jistabbilixxi li l-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

118 Peress li Eurofer tilfet il-kawża, din għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni u minn HBIS Serbia, kif mitlub minn dawn tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Eurofer, Association européenne de l'Acier, AISBL hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn HBIS Group Serbia Iron & Steel LLC Belgrade.

Firem